# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 2 ta’ Novembru 2000.**

**Numru 68**

**Citaz. numru 1596/94 DS**

Anthony Mercieca

vs

Rita Grech

Illum, 2 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Dicembru 1994 li permezz tieghu l-attur wara li ppremetta:

Li l-attur hu propjetarju u okkupa l-fond 78, Triq Stuart, Gzira waqt li l-konvenuta tokkupa l-fond adjacenti numru 79 fl-istess triq;

Li l-konvenuta ghamlet xi xogholijiet li bih ikkawzat hsarat fil-fond tal-attur fuq imsemmi senjament fil-komunikazzjonijiet tad-drenagg u kellu jirrepara parti minnhom waqt li ohrajn ma jistax ghaliex ir-riparazzjonijiet iridu jsiru mill-fond okkupat mill-konvenuta;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuta ikkawzat hsara u danni fil-fond tal-attur;

2. tillikwida dawn id-danni occorrendo b'opera tal-perit nominand;

3. tikkundanna l-konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lill-attur;

4. tipprefiggi zmien biex il-konvenuta taghmel xoghol rimedjali;

5. f'kaz li dan jibqa ma jsirx tawtorizza l-attur jaghmel l-istess xoghol hu a spejjez tal-konvenuta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn qalet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet ta' l-attur gja jikkonstitwixxu "Res Judicata" in forza ta' sentenza fl-ismijiet Antoine Mercieca vs Rita Armla ta' Francesco Grech (Citaz. 677/92 AD) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 1993 (Dokument RG1)

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess it-talbiet kollha ta' l-attur huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess il-talbiet kollha ta’ l-attur huma infondati stante li l-allegati hsarat fil-fond ta’ l-attur ma gewx kawzati mill-konvenuta u l-istess konvenuta mhix responsabbli ghal dawn l-allegati hsarat.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha ta’ l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tad-9 ta’ Ottubru 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Refalo bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Jannar 1997 fejn gie nominat l-A.I.C. M’Angelo Refalo bhala perit tekniku;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Gunju 1999 li permezz tieghu, fuq rikors ta’ l-attur, ordnat lill-perit legali jirritorna l-inkartamenti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

***Provvedimenti dwar id-dokumenti esibiti***

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, se tipprovdi dwar xi dokumenti esibiti:

(1) Fis-seduta peritali tal-15 ta' Jannar 1996 il-perit legali rrileva li kien ircieva ittra minghand l-attur li huwa stess esebixxa bhala Dok. R. Dr. Meilak ghall-konvenuta talab li dan id-dokument jigi sfilzat peress li mhux esebit skond il-ligi u huwa rrilevanti u malafamanti. Il-Qorti tirreferi ghad-digriet tan-nomina tal-perit legali tad-9 ta' Ottubru 1995 fejn huwa stipulat li l-perit "ma jistax jircievi noti jew dokumenti barra mil-laqghat hlief permezz tar-Registru". Ghalhekk il-Qorti tordna l-isfilz ta' l-imsemmi dokument.

(2) B'nota tas-16 ta' Marzu 1998 l-attur esebixxa bhala Dok. AMM sensiela ta' dokumenti. Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 1999 Dr. Meilak ghall-konvenuta talab l-isfilz ta' dan id-dokument peress illi huwa rrilevanti ghall-kaz. Il-Qorti ezaminat dan id-dokument u minnu jidher car li l-attur qieghed javvanza l-pretensjonijiet tieghu f'dan il-kaz a bazi tad-dokumenti hemm kontenuti. Ghalhekk it-talba ghall-isfilz mhijiex qed tigi milqugha. Xi kitbiet li hemm kontenenti allegazzjonijiet fiergha jew malafamanti qed jigu injorati u skartati ghal kollox.

***Konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni***

Din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari, cioe` dik l-eccezzjoni fejn il-konvenuta qed teccepixxi r-*res judicata* minhabba sentenza li nghatat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Ottubru 1993 f'kawza ohra bejn l-istess partijiet (Citaz. Nru. 677/92 AD). Ghalhekk irid jigi ezaminat il-mertu taz-zewg kawzi.

F'din il-kawza l-attur isostni li l-konvenuta, li tirrisjedi fil-fond adjacenti ghal tieghu, ghamlet xi xoghlijiet li bihom ikkawzat hsarat fil-komunikazzjonijiet tad-drenagg u f'partijiet ohra fil-fond ta' l-attur. Huwa

jsostni li konsegwentement huwa wettaq xi riparazzjonijiet u ghalhekk qed jitlob li jigu likwidati d-danni li huwa sofra, filwaqt li ghal dak li jirrigwarda riparazzjonijiet li jridu jsiru min-naha tal-konvenuta qieghed jitlob li l-konvenuta tinghat zmien biex teffettwa x-xoghlijiet rimedjali u fin-nuqqas li jkun awtorizzat jaghmel huwa stess tali xoghlijiet. Naturalment it-talbiet kollha ta' l-attur huma dipendenti minn jekk tintlaqax l-ewwel talba tieghu, u cioe` li jigi dikjarat li l-konvenuta in effetti kkawzat hsara u danni fil-fond tieghu.

Issa jekk wiehed jezamina s-sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 1993, wiehed isib li f'dik il-kawza l-attur kien qed jilmenta minn xi tbajja' ta' umdita` imputabbli ghal perkolazzjoni jew tnixxija ta' ilma jew likwidu iehor mill-fond tal-konvenuta u ghalhekk talab li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli biex telimina l-kawza ta' l-umdita` li qed tikkaguna hsara fil-fond ta' l-attur u sabiex tigi kkundannata taghmel x-xoghol kollu rimedjali kemm fil-fond taghha kif ukoll fil-fond ta'l-attur.

Il-konvenuta eccepiet ir-*res judicata* peress li ssostni li l-kawza odjerna tirrigwarda l-istess ilmenti ta' l-attur izda mqeghdin fi kliem differenti.

F’seduta peritali tat-22 ta’ Novembru 1995 xehdet il-konvenuta li qalet li l-ahhar xoghol li ghamlet fid-dar kien tmintax-il sena qabel meta ghamlet il-madum ta’ l-art u saret ukoll il-komunikazzjoni ta’ l-ilma minn taht l-art biex ighaddi ghal gol-bitha. Qalet li l-konvenut kien mar jara x-xoghol u hareg soddisfatt. Minn dak iz-zmien m’ghamlitx xoghol iehor hlief tibjid. M’ghamlitx xoghol fid-drenagg. Qabel il-kawza fuq imsemmija – Citaz. Nru. 677/92 – kienet ghaddiet korrispondenza bejn il-partijiet (Dok. RG2 sa RG5) izda bejn dik il-kawza u l-kawza odjerna ma rceviet ebda ittra minghand l-attur u qatt ma kellimha jew cemplilha dwar il-pretensjonijiet tieghu.

Xehdet ukoll Marlene Lethridge, bint il-konvenuta, li fis-sustanza kkonfermat ix-xiehda ta’ ommha salv li tirreferi ghal xi tibdil fit-toilet li sar fl-1968/1969.

Fis-seduta peritali tat-13 ta’ Frar 1996 xehed l-attur li qal li kull darba jsewwi u jergghu jaghmlulu l-hsara. Huwa spjega li mill-1993 bl-umdita`nizlet l-art. Kien gab lill-Perit Lino Spiteri u l-haddiem mieghu ghall-habta tal-1992/1993 u qalulu li hemm il-hsara. Sostna li l-hsara li

hemm illum hija differenti minn ta' qabel ghax kien sewwa kollox bis-sanita`. L-art kienet regghet sfrundat bl-umdita`.

Mix-xiehda stess ta' l-attur jidher li huwa qieghed jilmenta minn hsara kawzata b'umdita`, u cioe` l-istess ilment li kellu meta ntavola c-Citaz. Nru. 677/92. F'dik il-kawza imputa l-umdita` ghall-konvenuta ("perkolazzjoni jew tnixxija ta' ilma jew likwidu iehor mill-fond tal-konvenuta"). Fil-kawza odjerna, ghalkemm fil-premessi tac-citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata ma jsemmix umdita`, ighid li l-hsarat fil-fond tieghu huma rizultat ta' xoghlijiet li ghamlet il-konvenuta u meta xehed f'dawn il-proceduri semma l-umdita`. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li fil-kawza Citaz. Nru. 677/92 hemm sottintiz li l-umdita` kienet qed tigi kagunata minn xoghlijiet li ghamlet l-istess konvenuta fil-fond taghha. U dan huwa evidenti minn numru ta' certifikati ta' periti li huwa esebixxa (parti mid-Dok. AMM) mnejn jidher li din il-kwistjoni ilha zmien twil tiggebbed. Sahansitra l-istess attur esebixxa kopja ta' sentenzi ohra bejn l-istess partijiet ("Antonio Mercieca vs Francesco Grech", Qorti ta' l-Appell, 14 ta' Dicembru 1973; "Anthony Mercieca vs Francis Grech et", Prim'Awla, 26 ta' Novembru 1979) li wkoll jirreferu ghall-hsarat fil-fond tieghu allegatament kagunati minn xoghlijiet maghmula mill-familja Grech.

Ta’ min ighid li c-certifikati esebiti (u li ma gewx ikkonfermati) jirrisalu, tnejn ghal 1972 u iehor ghal 1977. Wiehed minnhom jidher li huwa rilaxxat mill-Perit Lino C. Spiteri u jirrisali ghat-8 ta’ Gunju **1972**. Meta l-attur xehed fil-proceduri odjerni qal li kien gab il-Perit Lino Spiteri fl-1992/1993. Kieku verament gabu fl-1992/1993, ma kienx jigi rilaxxat certifikat bhalma kien rilaxxat fl-1972? In effetti l-attur f’dawn il-proceduri ma ta l-ebda spjegazzjoni ta’ x’inhuma x-xoghlijiet li jirreferi ghalihom fic-citazzjoni u li suppost ghamlet il-konvenuta, u jekk tali xoghlijiet humiex differenti minn dawk li saru antecedentement. Anzi mid-dokumenti minnu stess esebiti jirrizulta l-kuntrarju.

Ghalhekk jidher li l-mertu ta’ din il-kawza kien jifforma l-mertu tal-kawza l-ohra Citaz. Nru. 677/92 u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta trid tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, tiddikjara li l-mertu ta’ din il-kawza diga` jikkostitwixxi *res judicata* in forza tas-sentenza fl-

ismijiet “Antoine Mercieca vs Rita armla ta’ Francesco Grech “ (Citaz. 677/92 AD) deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta’ Ottubru 1993 u ghalhekk tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**Onor. Imhallef**

**Dottor David Scicluna**